

PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

Dokument ta' sessjoni

30.9.2008

B6-0523/2008

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

imressqa wara l-mistoqsija li titlob tweġiba orali B6-0000/2008

skont l-Artikolu 108(5) tar-Regoli ta' Proċedura

minn Diana Wallis, Bilyana Raeva, Johannes Lebech, Kyösti Virrankoski, Olle Schmidt u Danutė Budreikaitė

f'isem il-Grupp ALDE

dwar il-Governanza tal-Artiku

B6-0523/2008

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar il-Governanza tal-Artiku

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra s-Sena Polari Internazzjonali (minn Marzu 2007 sa Marzu 2009),
 - wara li kkunsidra t-Tmien Konferenza tal-Membri Parlamentari tal-Artiku li saret f'Fairbanks, fl-Alaska mit-12 sal-14 ta' Awwissu 2008,
 - wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-politika tal-Artiku li hi mistennija din il-Ħarifa,
 - wara li kkunsidra s-Seminar tal-ALDE dwar il-Governanza tal-Artiku f'Dinja li Tigglobalizza li sar fi Brussell fis-7 ta' Mejju 2008,
 - wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar id-Dimensjoni tat-Tramuntana (2003, 2005 u 2006),
 - wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tar-rapport tal-Evalwazzjoni tal-Impatt fuq il-Klima tal-Artiku,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 108(5) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni bl-isem 'Politika Marittima Integrata għall-Unjoni Ewropea' (magħrufa bħala l-'Blue Book') ippubblikata fl-10 ta' Ottubru 2007,
- B. wara li kkunsidra l-paper tal-linja politika tal-14 ta' Marzu 2008 mir-Rappreżentant Għoli u l-Kummissjoni Ewropea għall-Kunsill Ewropew bl-isem 'Il-Bidla fil-Klima u s-Sigurtà Internazzjonali',
- C. billi l-importanza ġeopolitika u strateġika tar-reġjun tal-Artiku qed tikber, kif issimbolizzat bit-tqegħid ta' bandiera Russa f'qiegħ il-baħar 'l isfel mill-Pol tat-Tramuntana f'Awwissu 2007,
- D. wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar (UNCLOS), li għadha ma ġietx irratifikata mis-Senat Amerikan,
- E. billi l-konferenza reċenti tal-membri parlamentari tal-Artiku ġabet flimkien rappreżentanti eletti mill-Parlament Ewropew, il-Kanada, id-Danimarka, Greenland, l-Iżlanda, il-Finlandja, in-Norveġja, l-Iżvezja, ir-Russja u l-Istati Uniti sabiex jiġu diskussi l-kwistjonijiet ta' sikurezza marittima, kura tas-saħħa, ħarsien ambjentali u żvilupp sostenibbli,

- F. billi r-reġjun tal-Artiku attwalment mhu rregolat minn ebda normi jew regolamenti multilaterali, peress li qatt ma kien mistenni li jsir mogħdija ta' ilma navigabbli jew żona ta' esplojtazzjoni kummerċjali,
- G. billi t-traffiku marittimu fl-ilmijiet tal-Artiku żdied esponenzjalment f'dawn l-aħħar snin minħabba l-interess fit-tħaffir 'il barra mill-kosta u minħabba li qegħdin jgħaddu dejjem aktar il-vapuri tal-'cruises', u kif ukoll minħabba l-prospetti li joffri l-Passaġġ tal-Majjistral,
- H. billi r-reġjun tal-Artiku jista' jkun li fih qrib it-22% tar-riżervi taż-żejt u l-gass li għadhom ma ġewx skoperti fid-dinja,
- I. wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni ta' Ilulissat li kienet adottata mill-'pajjiżi tal-grupp A5' (id-Danimarka, il-Kanada, in-Norveġja, il-Federazzjoni Russa u l-Istati Uniti) f'Mejju 2008,
- J. wara li kkunsidra l-konklużjonijiet taç-Chairperson fil-konferenza dwar 'L-Artiku: *Il-Preokkupazzjoni Komuni Tagħna*', organizzata mill-Kunsill Nordiku tal-Ministri f'Ilulissat (Greenland) fid-9 u fl-10 ta' Settembru 2008, li l-Kummissjoni Ewropea pparteċipat fiha b'mod sħiħ,
- K. billi l-konferenza ffukat ukoll fuq il-bidla fil-klima fir-reġjun, l-effett tagħha fuq il-popolazzjonijiet indiġeni u l-possibilità li wieħed jadatta għaliha,
- L. billi r-rata tat-tisħin globali fir-reġjun tal-Artiku hija ħafna oġhla mill-bqija tad-dinja, b'żieda ta' 2° fl-aħħar mitt sena meta mqabbel ma' medja ta' 0.6% fil-bqija tad-dinja,
- M. billi l-bidliet fil-kundizzjonijiet klimatiċi fiż-żona tal-Artiku huma diġà tali li l-poplu tal-Inuit pereżempju m'għadux jista' jikkaċċja fil-mod tradizzjonali peress li s-silġ irqiq wisq biex jiflaħ is-slitti tagħhom filwaqt li annimali selvaġġi bħall-orsijiet polari, il-'walruses' u l-volprijiet huma fil-periklu li jaraw il-parti l-kbira tal-ħabitats tagħhom jisparixxu,
- N. billi l-UE għandha fost l-Istati Membri tagħha tliet pajjiżi tal-Artiku, u żewġ pajjiżi tal-Artiku oħra fost il-ġirien l-iktar qrib tagħha li jipparteċipaw fis-suq intern permezz tal-Ftehma ŻEE, li jfisser li l-UE u l-istati assoċjati tagħha flimkien jagħmlu aktar minn nofs is-sħubija numerika tal-Kunsill tal-Artiku,
1. Huwa mħasseb ħafna dwar l-effetti tal-bidla fil-klima fuq il-ħajjiet sostenibbli tal-popli indiġeni fir-reġjun kemm fit-termini tal-ambjent ġenerali (il-kappa tas-silġ u l-permafrost li qegħdin jinħallu, il-livelli tal-baħar li qegħdin jogħlew, l-għargħar) kif ukoll tal-ħabitat naturali (il-kappa tas-silġ li qiegħda tiċkien toħloq problemi għall-ħabitats fejn jieklu l-orsijiet polari) u jenfasizza li d-deċiżjonijiet internazzjonali marbuta ma' dawn il-kwistjonijiet iridu kemm jinvolvu kif ukoll jikkunsidraw il-popli u n-nazzjonijiet kollha tal-Artiku;
 2. Jilqa' b'sodisfazzjon id-dikjarazzjoni tal-għeluq tal-konferenza adottata mill-Konferenza tal-Membri Parlamentari tal-Artiku f'Fairbanks fl-14 ta' Awwissu, 2008;

3. Jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li t-Tramuntana Estrema saret parti mil-linja politika "Id-Dimensjoni tat-Tramuntana" tal-Unjoni Ewropea iżda hu konvint li l-għarfien dwar l-importanza tal-Artiku f'kuntest globali jeħtieġ li jikber aktar billi jkun hemm politika indipendenti tal-UE għall-Artiku;
4. Jisħaq fuq is-sinifikat tal-Artiku għall-klima globali f'dan ir-rigward u jittama li l-appoġġ preżenti għall-attivitajiet ta' riċerka f'dak ir-reġjun ikompli wkoll wara s-Sena Polari Internazzjonali;
5. Jistenna b'interess kbir il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni li se tiġi ppubblikata dalwaqt dwar il-politika għall-Artiku u jittama li tistabbilixxi l-pedament għal politika sinifikanti għall-Artiku fl-UE; jistieden lill-Kummissjoni biex tindirizza, mill-inqas, dawn il-kwistjonijiet fil-komunikazzjoni tagħha:
 - (a) l-istat attwali tal-bidla fil-klima fir-reġjun u l-adattament għaliha;
 - (b) għażliet tal-politika li jirrispettaw il-popolazzjonijiet indiġeni u l-għixien tagħhom;
 - (c) il-bżonn li jkun hemm koperazzjoni mal-ġirien Artiċi tagħna dwar kwistjonijiet transkonfinali u b'mod partikolari dwar is-sikurezza marittima;
 - (d) għażliet għal struttura politika jew legali transkonfinali futura li tkun tista' taħseb għall-ħarsien ambjentali u l-iżvilupp ordnat u sostenibbli tar-reġjun jew li timmedita meta jkun hemm nuqqas ta' qbil politiku dwar ir-riżorsi u l-ilmijiet navigabbli fit-Tramuntana Estrema;
6. Jistieden lill-Kummissjoni biex tpoġġi l-politika tal-enerġija u tas-sigurtà 'il fuq fl-aġenda tagħha u biex fil-komunikazzjoni mistennija tagħha dwar l-Artiku tiegħu rendikont u tikkunsidra kif l-UE u l-istati tal-Artiku jistgħu jaħdmu flimkien mill-qrib biex jilhqqu għanijiet komuni u ambizzjużi fir-rigward tal-bidla fil-klima u l-iżvilupp sostenibbli, żieda fis-sigurtà tal-provvista tal-enerġija, u suq intern tal-enerġija iktar effiċjenti;
7. Jiġbed l-attenzjoni dwar il-fatt li r-reġjun tal-Artiku, minħabba l-impatt tiegħu fuq il-klima tad-dinja u l-ambjent naturali uniku tiegħu, jistħoqqlu kunsiderazzjoni speċjali hekk kif l-UE tiżviluppa l-pożizzjoni tagħha għall-ħmistax-il Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni ta' Qafas dwar il-Bidla fil-Klima li se ssir f'Kopenhagen fl-2009;
8. Huwa tal-fehma li t-traffiku marittimu fir-reġjun (kemm dak turistiku u kif ukoll dak relatat mat-tħaffir 'il barra mill-kosta) ma jgawdix minn tip ta' regoli minimi internazzjonali tas-sikurezza li b'xi mod joqorbu lejn dawk li japplikaw f'ilmijiet internazzjonali oħrajn, f'termini jew ta' ħarsien tal-ħajja tal-bniedem jew ta' ħarsien tal-ambjent, u jħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tiżgura, malajr kemm jista' jkun, li jsiru emendi xierqa għar-regolamenti tal-IMO (l-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali);

9. Jenfasizza l-aspetti esterni tal-politika tal-enerġija u l-irwol tal-Artiku fil-formolazzjoni tal-Politika tal-Enerġija għall-Ewropa (EPE), kif propost mill-Kunsill Ewropew ta' Marzu 2007;
10. Jappoġġja l-Kunsill tal-Artiku fiż-żamma tar-reġjun tal-Artiku bħala reġjun ta' tensjoni baxxa, miftuħ għall-koperazzjoni internazzjonali fir-riċerka, sabiex il-potenzjal tiegħu bħala reġjun fornitur tal-enerġija għall-ġejjieni jkun jista' jiġi żviluppat f'qafas ambjentali sostenibbli;
11. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni Ewropea biex tiegħu sehem proattiv fl-Artiku billi għall-inqas bħala l-ewwel pass tikseb "status ta' osservatur" fil-Kunsill tal-Artiku, u jqis li l-Kummissjoni Ewropea għandha tistabbilixxi desk iddedikata għall-Artiku;
12. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-risoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-gvernijiet tal-Istati Membri, tan-Norveġja, tal-Iżlanda, tar-Russja, tal-Kanada u tal-Istati Uniti, u lill-parteċipanti reġjonali fil-koperazzjoni.